L-Isem: ____________________________ Id-Data: ______________ Il-Klassi: _____

# Il-Bikja tal-Buskett

ta' Oliver Friggieri



...
'Ħarruba xiħa qaltli
kif kibret u trabbiet,
u ftaħret kif minn fuqha
ġrew hienja ż-żminijiet :

'Hawn kont u hawn se nibqa',
bħall-bieraħ u bħal-lum,
bħal għada u bħal pitgħada,
hawn norqod u hawn inqum.'
....



Taħriġ A - Imla l-vojt .

Fil-poeżija _________________________ il-poeta daħal fil-ġonna sbieħ tal-Buskett. Huwa sema' l-_________ tal-ħarruba xiħa u tal-elementi l-oħra tan-natura biex il-post ma ____________. Hawnhekk naraw li l-ħarruba xiħa u l-_________ jieħdu l-ħajja (aspett li jissejjaħ personifikazzjoni) Dawn qed jitolbu lill-poeta biex il-_____________ jibża' għall-ambjent u jgħożżu għal dejjem. Il-____________ titkellem mil-lenti ta' xi ħadd li kellu esperjenza jgħix żmien twil fin-____________.

ġebel, jinqeridx, *Il-Bikja tal-Buskett*, bikja, natura, bniedem, ħarruba

## Il-Metrika

### Anafora

Ir-ripetizzjoni tal-istess kelma fil-bidu ta' għadd ta' versi, frażijiet jew sentenzi.

Eż. 'Kull siġra trid titkellem,
kull werqa trid ittir,...' (v. 1-2)

### Epiżewski

Meta kelma jew frażi tkun ripetuta wara xulxin biex turi enfasi.

Eż. għaliex, għaliex, għaliex?" (v. 32)

### Personifikazzjoni

L-għoti ta' azzjoni uman lil oġġett jew idea astratta. Il-personifikazzjoni hija komuni fil-poeżija speċjalment fil-poeżija romantika.

Eż : 'Ħarruba xiħa qaltli
kif kibret u trabbiet,...' (v. 9-10)

### X'inhi strofa u x'inhi kwartina ?

Strofa (stanza) hija magħmula minn għadd ta' versi li jsawru perjodu ritmiku sħiħ. F' din il-poeżija nsibu l-kwartini (strofa b'erba' versi).

| | **Kun af aktar dwar il-metrika tal-poeżija fil-qosor.** |
|---|---|
| 1 | Din il-poeżija fiha l-personifikazzjoni. |
| 2 | Il-versi ta' din il-poeżija jissejħu kwartini. |
| 3 | Din il-poeżija għandha l-anafora. |
| 4 | Din il-poeżija fiha rima a-b-ċ-b. |
| 5 | Il-poeta qed juża l-epiżewski. |
| 6 | Din il-poeżija maqsuma f'għaxar strofi. |

